MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 233/2006

**Av. Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-Identita` 659956 (M) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Philip Morris Products S.A.**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-3 ta' April 2006 gew appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Alkhwair Imp & Exp.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-sosjeta` estera Philip Morris Products S.A. datata 21 ta' Marzu 2006 a fol. 1 tal-

process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta nhar l-21 ta' Marzu 2006 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` rikorrenti Philip Morris Products S.A. ta' Quai Jeanrenaud 3, CH 2000 Neuchatel, ta' l-iSvizzera hija propjretarja tal-marka tas-sigaretti "MARLBORO" kif ukoll proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess pakketti tas-sigaretti skond kif jidher fuq id-Dokument "A", id-Dokument "B" u d-Dokument "C";

Illi s-socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali ta' l-istess kelma "MARLBORO" u s-sinjali distintivi fil-komplessita` taghhom registrati f'Malta taht *Trademerk No. 5789, Trademerk No. 5790 u Trademark No. 16670,* fir-Registru tal-Markji, skond l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Markji (kif muri f'Dok "A", f'Dok "B" u f'Dok "C"), *ai termini* ta' l-**artikolu 2 ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP.414 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi jirrizulta li fil-21 ta' Frar 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "IRAN FARS", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' sigaretti li jgibu l-markju "MARLBORO" kif ukoll is-sinjali distintivi fuq imsemmija li jinsabu fuq l-istess sigaretti liema konsenja tikkonsisti fi tliet mija u sitta u sebghin (376) kaxxa maghrufa bhala *master cases* b'*Container* Numru **IRSU2296070** u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni ta' l-**artikolu 4 tal-Kap. 414;**

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru IRSLPCL0457ISH2567 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni huma ndikati bhala Alkhwair Imp & Exp, mentri d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Cui Can Industry & Trade Co., Ltd.;

Illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skond l-**artikolu 4** ta' l-istess **KAP, 414 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi dawn is-sigaretti in kwistjoni jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprejta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti, skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) u (iii), tal-KAP 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markji u distintivi "Marlboro", billi nstab illi dawn l-istess sigaretti huma prodotti ffalsifikati skond l-analizi li ghamlet is-socjeta` rikorrenti (ara rapport ta' analizi mmarkat bhala Dokument "D");

Illi din il-konsenja ta' sigaretti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-*'New Port Bonded Stores'*, Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok"F");

Illi l-Avukat Dr. David Tonna noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti nomine talab li din il-Qorti joghogbha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;

2. Tiddikjara illi tali sigaretti ffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprejta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) u (iii) tal-KAP.144** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-**artikolu 4** ta' l-istess **KAP. 414** fil-konfront tat-*Trademarks* regisrati bin-Numri 5789, 5790 u 16670 tal-Markji "MARLBORO" u/jew is-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess Trademarks;

3. Tiddikajra u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti ffalsifikati da parti tas-socjeta` intimata u li tikkonsisti fi tliet

mija u sitta u sebghin (376) *master cases*, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprejta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), **Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi ta’ l-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjes tas-socjeta` intimata skond l-**artikolu 8 tal-Kap. 414;**

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprejta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), **Kap. 414** tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta intimata sabiex thallas l-ispejjes kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u ta’ l-ispejjez ta’ l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap. 414:**

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti minn fol. 4 sa fol. 23 tal-process li huma mmarkati bhala Dok “A” – estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal *Trademark No.* 5789; Dok “B” – estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal *Trademark No*. 5790; Dok “C” – estratt originali mahrug mill-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali mir-Registru tal-Markji ta’ Malta ghal *Trademark No*. 16670; Dok “D” – kopja tal-konferma bil-miktub minn Leonard Impfeld ghas-socjeta` rikorrenti fejn jghid li s-sigaretti in kwistjoni huma foloz; Dok “E” – kopja ta’ prokura specjali mahruga mis-socjeta` rikorrenti favur membri ta’ l-ufficcju legali MAMO TCV Advocates, u fosthom l-attur *nomine*, biex jinhatru prokuraturi specjali; Dok “F” – kopja ta’ l-applikazzjoni bil-miktub tas-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex il-konsenja in kwistjoni setghet tigi maqbuda mill-istess Kontrollur skond

it-termini tal-**KAP.141 u l-ligijiet u r-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea**; u Dok "G" – kopja tac-certifikat tar-registrazzjoni tas-secjeta` estera Philip Morris Products S.A. ta' l-iSvizzera.

Rat li dan ir-rikors kien gie appuntat ghas-smiegh fid-9 ta' Mejju 2006 minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tal-20 ta' Gunju 2006.

Rat in-nota tar-rikorrenti Dr. David Tonna *nomine* datata 23 ta' Mejju 2006 a fol. 57 tal-process li biha esebixxa l-affidavit tieghu u d-dokumenti relattivi u l-affidavit ta' l-ufficjal tad-Dwana George Agius.

Rat ir-risposta ta' Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati nominati b'digriet tat-3 ta' April 2006 sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` Alkhwair Imp & Exp fejn esponew:-

1. Illi f'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Illi jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta` minnhom rapprezentata.

Rat l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 81 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-20 ta' Gunju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri ghar-rikorrent *nomine*. Dr. Anthony Cutajar imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dwar il-hames talba Dr. Camilleri ma talabx rimedju ulterjuri. Il-Qorti tat zmien ta' erbghin (40) jum lill-attur *nomine* biex jipprezenta prospett ta' danni b'kopja/visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) jum biex jipprezenta noti jew dokumenti li jhoss li ghandu bzonn jaghmel. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjonji ghas-17 ta' Ottubru 2006; u tas-17 ta' Ottubru 2006 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Novembru 2006.

Rat in-nota tar-rikorrenti Dr. David Tonna *nomine* datata 6 ta’ Lulju 2006 a fol. 84 tal-process li permezz taghha esebixxa prospett (**Dok “H”**) li fih hemm dettalji dwar il-*quantum ta’* l-ispejjes li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi din l-Onorabbli Qorti tilqa’ s-sitt talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-Rikors Guramentat. Flimkien mal-Prospett gew annessi tliet dokumenti mmarkati Dok. **“PR1”** sa **“PR3”.**

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjoni u l-pretensjonijiet attrici gew ippruvati kemm bix-xhieda proposta mill-Avukat Dr. David Tonna bhala rappresentant tas-socjeta’ Philip Morris Products S.A. ta’ Neuchatel l-Isvizzera ghal dak li jirrigwarda anke il-marki u l-protezzjoni ta’ l-istess marki gewwa Malta u dan anke permezz ta’ diversi dokumenti esebiti, li xejn minnhom ma huwa kontradett.

Illi dwar dan il-kaz hemm ukoll ix-xhieda ta’ l-istess attur *nomine* u dik ta’ George Agius, impjegat mad-Dwana bhala Fizzjal fis-sezzjoni tal-Infurzar dwar id-drittijiet tal-proprjeta’ Intellettwali (Mizuri intrakonfini) li xehed li fuq il-kontejner numru IRSU2296070 li wasal il-port hieles ta’ Marsaxlokk fuq il-vapur MV “IRAN FARS” fil-21 ta’ Frar 2006 u dan kien maghzul sabiex jigi kkontrollat. Mill-polza ta’ taghbija jirrizulta li l-agenti tal-vapur imsemmi, kienu Islamic Republic of Iran Shipping Lines (Malta), dan kien gej mic-Cina sejjer lejn Tobruk, il-Libja tant li kien mibghut lil CUI CAN INDUSTRY & TRADE CO. LTD u l-

konsenatarji ndikati kienu ALKHWAIR IMP & EXP. Bhala kontenut kellu jkollu 380 kaxxi hwejjeg.

Illi minhabba li kellu jsir dan l-ezami, dan sehh fit-22 ta' Frar 2006, kollox kif deskritt fl-affidavit ta' l-istess xhud datat 22 ta' Mejju 2006 (fol. 90), u wara li gew ikkonfermati li s-sigilli kienu intatti, infetah l-istess kontejner u fl-ewwel filliera kien hemm kaxxi li kien fihom xi hwejjeg tat-tfal, izda wara sabu kaxxi bil-marka "Malboro" tal-Philip Morris li skond l-istess xhud dehru li kienu kontrafatti u b'hekk il-konsenja inzammet ghall-iktar ezamijiet skond il-**Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u **r-Regolament EC 1383/2003 tal-Komunita' Ewropeja.** Kampjuni gew moghddija lill-attur nomine fil-kwalita' taghhom premessa u gie kkonfermat li tali sigaretti kienu kontrafatti u fil-fatt mill-istess kontejner irrizulta li kien hemm 24 kaxxa mimlija hwejjeg tat-tfal u 376 kaxxa b'10,000 sigarett kull wahda bil-marka "Marlboro" tal-Philip Morris, u fil-fatt l-istess xhud kien informat li a bazi tal-ligi kienet saret din il-kawza, u li l-istess konsenja baqghet ghalhekk mizmuma ghandhom.

Illi dan huwa kkonfermat ukoll mir-rikors guramentat u mid-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici bhala Dok. "A" sa Dok. "G", u in partikolari Dok. "D" li jikkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess sigaretti dawn kienu kontrafatti, u dan b'certifikat datat 17 ta' Marzu 2006. Dawn il-provi kollha bl-ebda mod ma gew kontestati u din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi dwar talbiet simili fl-ismijeit **"Av. Dr. David Tonna nomine vs Dr. Leslie Cuschieri et nomine"** (P.A. (LFS) – 14 ta' April 2005) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (TM) – 2 ta' Frar 2006); u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u dwar is-sitt talba tiddikjara li l-ammont ta' spejjez mitluba huma dawk ta' Lm1,886.30 skond prospett esebiet bhala Dok. "H" u dokumenti esbiti bhala Dok. "PR1" sa "PR3" esebiti b'nota datata 6 ta' Lulju 2006.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;
2. Tiddikjara illi tali sigaretti ffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprejta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-**artikolu 2 (1) (a) (i) u (iii) tal-KAP.144** (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-**artikolu 4** ta' l-istess **KAP. 414** fil-konfront tat-*Trademarks* regisrati bin-Numri 5789, 5790 u 16670 tal-Markji "MARLBORO" u/jew is-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess *Trademarks;*
3. Tiddikajra u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti ffalsifikati da parti tas-socjeta` intimata u li tikkonsisti fi tliet mija u sitta u sebghin (376) *master cases*, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprejta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), **Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;**
4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex a bazi ta' l-ewwel talba u tat-tieni talba u t-tielet talba jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata skond l-**artikolu 8 tal-Kap. 414** u dan fi zmien tlettin gurnata mid-data ta' din is-sentenza;
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba fejn din il-Qorti giet mitluba sabiex tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprejta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), **Kap. 414** tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti u dan ghaliex ma hemmx bzonnu f'dan il-kaz.
6. Tordna lis-socjeta intimata sabiex thallas s-somma ta' elf, tmien mija u sitta u tmenin lira Maltija u tlettin

centezmu (Lm1,886.30) rappresentanti l-ispejjes kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u ta’ l-ispejjez ta’ l-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta.**
Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------